# EŻAMIJIET ANNWALI
# TAL-JUNIOR LYCEUM U L-ISKOLA SEKONDARJA 2011

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Il-Ħames Sena STUDJI SOĊJALI (Ġenerali) ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Isem: ___________________________________ Klassi: ______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' Taqsimiet (A, B, Ċ u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*F'ħafna soċjetajiet il-maġġoranza tal-popolazzjoni huma nisa. Madankollu, in-nisa mad-dinja kollha huma ttrattati b'mod differenti mill-irġiel. Għalhekk, insibu l-inugwaljanza bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni fl-iktar pajjiżi żviluppati. F'Malta nsibu tendenza li n-nisa iktar jagħmlu xogħol bla ħlas jew xogħol mhux reġistrat milli jaħdmu bi ħlas. In-nisa jaqilgħu inqas flus mill-irġiel u ftit issibhom f'pożizzjonijiet fejn iridu jittieħdu deċiżjonijiet importanti bħal fil-politika jew fuq il-post tax-xogħol. Illum f'Malta r-rata ta' nisa f'postijiet tax-xogħol hija ta' 31%, l-inqas fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li fil-Latvja u fil-Litwanja din ir-rata tilħaq il-50% - l-ogħla waħda fl-UE. Bħall-Ungerija, ir-rappreżentanza ta' nisa fil-parlament nazzjonali ġewwa Malta hija ta' 10%, meta dik tal-Iżvezja tilħaq 49% (Eurostat 2008). Il-ġeneru u l-edukazzjoni huma ż-żewġ raġunijiet prinċipali li minħabba fihom Malta tokkupa pożizzjoni baxxa ħafna fl-Indiċi tal-Iżvilupp Uman. Fil-fatt ir-rata ta' nisa li jistgħu jaħdmu u li għandhom impjeg hija biss ta' 35%, l-aktar rata baxxa fl-UE. Id-Danimarka għandha l-aktar rata għolja ta' 73%.*

**Adattat minn *Social Transitions in Maltese Society* ta' J. Cutajar u G. Cassar (2009)**

**Mistoqsijiet:**

1. Fisser dawn li ġejjin:
   a) **l-inugwaljanza bejn is-sessi**, u
   b) **d-diskriminazzjoni**. (4)

2. Għaliex in-nisa huma ttrattati b'mod differenti mill-irġiel? Agħti **ŻEWĠ** eżempji. (2)

3. X'inhi r-rata ta' nisa fuq il-postijiet tax-xogħol f'Malta? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex din hija baxxa meta mqabbla ma' dik tal-Latvja u l-Litwanja. (3)

4. Liema pajjiż fl-Unjoni Ewropea għandu l-ogħla rata ta' nisa fil-parlament nazzjonali? Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex hemm din ir-rata għolja. (3)

5. Xi jrid isir fil-qasam edukattiv biex nibdew inrawmu sens ta' ugwaljanza bejn is-sessi? (4)

6. Permezz ta' **ŻEWĠ** eżempji, iddeskrivi r-rwol tradizzjonali tal-mara. (2)

7. *Aktar nisa qegħdin iħallu r-rwol tradizzjonali tagħhom biex ifittxu impjieg bi ħlas.* Semmi **ŻEWĠ** effetti pożittivi u **ŻEWĠ** effetti negattivi ta' dan l-iżvilupp fuq il-familja. (8)

8. *Il-liġi Maltija ġiet aġġornata biex titwettaq l-ugwaljanza bejn is-sessi.* Din l-ugwaljanza qed tinħass fil-ħajja Maltija? Spjega billi tagħti **ŻEWĠ** eżempji. (4)

**(30 marka)**

**Taqsima B: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*Hemm ħafna raġunijiet għalfejn ċerti pajjiżi huma foqra jew inqas żviluppati ekonomikament minn oħrajn. Huwa importanti li nifhmu x'inhu faqar għaliex huwa l-qofol ta' ħafna mill-problemi tad-dinja. L-iktar pajjiżi żviluppati tad-dinja, li wkoll setgħu ħolqu parti minn dan il-faqar, għandhom rwol importanti biex jgħinu jnaqqsu din il-problema. Hemm tendenza li nies li jgħixu ġo pajjiżi sinjuri tal-Punent dejjem jaraw l-aspett negattiv tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għalhekk jiffurmaw impressjonijiet żbaljati dwar in-nies li jgħixu hemm. Ħafna drabi dawn in-nies jitqiesu bħala vittmi, li qegħdin lura jew antikwati u li mhumiex kapaċi jsolvu l-problemi tagħhom. Dawn l-impressjonijiet huma żbaljati għal kollox. Mhux kulħadd huwa fqir fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Jista' jkun li, filwaqt li f'xi parti mill-pajjiż ikun hemm il-faqar, f'partijiet oħra tiegħu jkun hemm prosperità relattiva.*

**Adattat minn *Citizenship Studies 2006*, p. 197**

### Mistoqsijiet

1. Agħti **ERBA'** raġunijiet għaliex ċerti pajjiżi fid-dinja huma fqar. (4)

2. Semmi **ŻEWĠ** karatteristiċi ta' pajjiżi żviluppati u **ŻEWĠ** karatteristiċi ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw. (4)

3. X'jistgħu jagħmlu l-pajjiżi sinjuri biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw?
   Wieġeb billi tagħti **ERBA'** eżempji. (4)

4. Semmi u spjega **ŻEWĠ** vantaġġi u **ŻEWĠ** żvantaġġi tal-globalizzazzjoni. (8)

5. *Id-dinja qed issir iktar interdipendenti.* Xi jfisser dan? Agħti **TLIET** eżempji. (5)

6. Spjega fil-qosor x'tifhem bi **żvilupp globali**. Spjega billi tagħti **TLIET** eżempji. (5)

**(30 marka)**

**Taqsima Ċ: Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma fuq WIEĦED minn dawn li ġejjin:**

1. X'inhi **urbanizzazzjoni**? Iddiskuti billi ssemmi xi vantaġġi u żvantaġġi.

2. X'inhuma **gruppi soċjali**? Saħħaħ it-tifsira tiegħek b'eżempji.

**(15-il marka)**

**Taqsima D: Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 200-250 kelma dwaru:**

1. *Il-popolazzjoni ta' Malta hija meqjusa bħala waħda għolja ħafna għad-daqs tagħha.*
   Spjega din is-sentenza u ddiskuti l-effetti tagħha fuq il-ħajja Maltija.

2. *Matul iż-żminijiet żviluppaw diversi forom u stili ta' gruppi ta' żgħażagħ li faċilment jistgħu jingħarfu mill-apparenza tagħhom.* X'tifhem **b'kultura taż-żgħażagħ**? Semmi u spjega **TLIET** eżempji ta' dawn il-gruppi.

3. *Is-sistema edukattiva tipprepara lill-istudenti għall-post tax-xogħol billi tipprovdilhom l-informazzjoni, il-ħiliet u l-attitudnijiet neċessarji.* Iddiskuti.

**(25 marka)**